MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 18/2006

**Mario Farrugia**

**vs**

**J. J. Scerri Co. Ltd**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta' Settembru, 2006, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fit-2 ta' Jannar 2006 fejn ir-Rikorrenti talab danni ta' mija u tmienja u sittin Lira Maltin (Lm168) rapprezentanti fridge / freezer li ma kienetx tkessah.

L-intimatipprezenta Risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li huwa rapprezentant tad-ditta ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

1. Ir-Rikorrenti kien xtara fridge / freezer ta' mia u tmienja u sittin Lira Maltin (Lm168) b' sentejn garanzija u hekk kif inxtrat ma kienetx qed tkessah tajjeb.

2. L-intimat ipprova jsib soluzzjoni billi jtiha fridge ohra u r-Rikorrenti ma accettatx ghalkemm l-intimat dejjem qal li l-fridge kienet tkessah.

3. It-Tribunal wara li sema' lill-partijiet jinnota li l-versjoni tar-Rikorrenti hija aktar kredibbli u dan minhabba l-fatt li ghamlu gurnata juzawha.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa' t-talba tar-Rikorrenti u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' mija u erbghin lira Maltin (Lm140) bl-ispejjez kontra l-istess intimat b' dan illi l-fridge tigi propjeta ta' l-intimat wara li jsir il-hlas."

B' mod generali s-socjeta` konvenuta tikkontesta din is-sentenza billi tissottometti, b' aggravji, illi din kienet ibbazata fuq konsiderazzjonijiet inezatti u illegali u dan wassal ghal konkluzjoni inikwa fil-konfront taghha. Hi ticcensura wkoll lit-Tribunal talli dan injora d-dettami ta' l-Artikoli 74 u 76 tal-Kapitolu 378 u ssostni wkoll li ma kienux jezistu ragunijiet validi biex jigi rexiss il-kuntratt ta' bejgh;

B' introduzzjoni ghall-ezami ta' l-aggravji sottomessi, din il-Qorti thossha fid-dmir li tirrileva, b' ripetizzjoni, illi kull

decizjoni sija jekk moghtija minn qorti jew minn tribunal, gudizzjarju jew kwazi-gudizzjarju, ghandha, fil-minimu, tkun sorretta minn motivazzjoni adegwata li tikkonsenti l-kontroll tal-kriterju logiku segwit. Dan qed jigi enfasizzat in kwantu, fil-hsieb tal-Qorti, ankorke l-ligi takkonsenti lit-Tribunal adit ekonomija tal-kliem u decizjoni skarna minn “motivi mtawlin'” [Artikolu 23 (2) (d)], ma jidhrilhiex, imbaghad, kif hekk jirrizultalha li hu l-kaz fil-maggjor parti tad-decizjonijiet minn dan it-Tribunal, illi l-motivazzjoni ghandha ssegwi modulu ciklostilat bl-istess espressjoni konsweta illi “l-versjoni tar-rikorrenti hija aktar kredibbli”. Tali motivazzjoni ripetuta tissinjifika mhux biss skarsita tal-kliem, imma, bir-rispett kollu, tirripunja ghall-intelligenza ta’ din il-Qorti u huwa ghalhekk irrakkomandat li l-motivazzjoni ghandha tkun aktar intelligibbli u sostenuta minn ragonament li jaghti hjiel, anke jekk mhux elaborat, tal-perkors argomentativ li joffri rendikont tal-process logiku segwit u ta’ dawk l-elementi li fuqhom l-arbitru jkun qed jibbaza l-konvinciment tieghu;

Maghluqa din il-parentesi, mill-kontenut ta’ l-obbjezzjonijiet tas-socjeta` appellanti jidher li din, sostanzjalment, tibbaza l-impunjattiva taghha tas-sentenza appellata fuq il-provvediment ta’ l-Artikoli 74 u 76 tal-Kapitolu 378. In essenza, minnhom jista’ jigi dezunt dan li jsegwi:-

(1) Kull nuqqas ta’ konformita` fl-oggett vendut u kkunsinnat jesigi rimedju mill-kummercjant;

(2) L-ghazla tar-rimedju hi mhollija f’ idejn il-konsumatur, li jista’ jaghzel <u>jew</u> li l-oggett jigi riparat jew rimpjazzat <u>jew</u> li jsir diminuzzjoni fil-prezz <u>jew</u> ir-rexissjoni tal-kuntratt ghall-kaz li n-nuqqas ta’ konformita` ma jkunx “minuri u insinjifikanti”;

(3) Jinsab provvdut ukoll illi r-riduzzjoni jew rexissjoni tista’ tintalab meta r-rimedju tat-tiswija jew tar-rimpjazzament ma jkunx jista’ jinkiseb mill-konsumatur, jew fil-kaz ta’ dewmien fl-ezekuzzjoni ta’ l-istess tiswija jew tar-rimpjazzament, jew dawn ma jkunux jistghu jigu provvduti hlief b’ inkonvenjenza sinjifikanti ghall-konsumatur;

Dan premess, fil-kaz in ezami jirrizulta li l-*fridge* komprata mill-appellat minghand is-socjeta` appellanti kellha difett billi ma kienetx tkessah tajjeb. Saritilha tiswija pero` l-appellat baqa' insodisfatt. Is-socjeta` appellanti offrietlu li tirrimpjazzalu l-*fridge* b' ohra ta' l-istess mudell jew b' ohra ta' marka differenti, b' dan li l-appellat kien mistenni li jhallas somma extra ghaliha. Ara ittra datata 31 ta' Mejju 2006 mibghuta lit-Tribunal mis-socjeta` appellanti;

L-osservazzjonijiet li necessarjament johorgu minn dan il-kwadru qasir tal-fatti huma dawn:-

(1) Hu rikonoxxut anke mis-socjeta` appellanti illi l-*fridge* venduta kienet oggettivament vizzjata u l-gwast fil-parti tal-frigoriferazzjoni taghha kien tali li jincidi fuq il-funzjoni taghha;

(2) Jidher, ghallanqas mill-punto di vista ta' l-appellat-kompratur, illi r-riparazzjoni effettwata fuqha ma gabitlu ebda rizultat utli tant li dan baqa' jinsisti li l-*fridge* kienet inidonea u inadattata ghall-uzu;

(3) Is-socjeta` appellanti offriet li tissostitwixxi dik il-*fridge* b' ohra imma tali offerta ma kienetx accettabbli ghall-appellat;

Bla dubju, bhala principju ta' dritt il-garanzija legali akkordata lix-xerrej mill-Kodici Civili ma tobbligax lil dan li jzomm oggett difettuz jew imsewwi, ghax, kif tajjeb, inghad "xejn ma jimporta li l-vizzju jista' jigi riparat. Dak li jimporta hu eskluzivament l-istat u l-kondizzjoni tal-haga fil-mument meta din tghaddi ghar-riskju u perikolu tal-kompratur u min ihallas il-prezz gust ta' haga gdida ma ghandux jigi kostrett jikkuntenta b' haga msewwija, kbira jew zghira kemm tkun dik it-tiswija" (**Kollez. Vol. XXXVIII P I p 279**). Ara wkoll **Kollez. Vol. XLI P III p 1194**);

Naturalment is-socjeta` appellanti tobbjetta illi hi kienet pronta li tirrimpjazzalu l-*fridge* mibjugha u allura, bhal speci, skond it-termini tad-disposizzjonijiet surreferiti tal-ligi, ma kien hemm ebda raguni valida biex il-kumpratur-appellat jirrispingi din l-offerta. Mhux disputat illi l-Artikolu specjali 76 (1) tal-Kapitolu 378 jippostula sitwazzjoni fejn ir-riduzzjoni fil-prezz tal-haga jew ir-rexxissjoni tal-kuntratt hi possibbli meta l-konsumatur ma jkunx jista' jikseb ir-rimedju tar-rimpjazzar ta' l-oggett mixtri. Minn tali disposizzjoni s-socjeta` appellanti tislet l-argoment illi gjaladarba saret l-offerta minnha tas-sostituzzjoni tal-*fridge* b' ohra ta' l-istess mudell jew, alternattivament, b' ohra ta' marka differenti, *ergo*, l-appellat ma setax jitlob it-thassir tal-kuntratt u t-Tribunal kien zbaljat meta akkolja t-talba tieghu f' dan is-sens;

Issa minn ezami tal-kontenut tar-Risposta prezentata fid-9 ta' Marzu 2006, u ta' l-ittra tal-31 ta' Mejju 2006, ghal liema saru accenn aktar 'il fuq, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi l-offerta tar-rimpjazzament saret mis-socjeta` appellanti fil-mori tal-gudizzju quddiem it-Tribunal, u fejn proprju gie dikjarat illi dik l-offerta kienet qed taghmilha anke jekk ma kienetx hekk obbligata. Li jfisser li din l-istess offerta saret wara li l-appellat-konsumatur kien gja, bl-azzjoni tieghu, opta ghar-rizoluzzjoni tal-ftehim. Domanda din li f' dak l-istadju kienet hekk proponibbli lilu mil-ligi. Fil-hsieb tal-Qorti ma jidherx li d-dispost tal-ligi kien qed jikkontempla l-offerta tar-rimpjazzament b' xi difiza ghad-domanda gudizzjali ghar-rizoluzzjoni imma pjuttost bhala mezz ta' dik il-volonta` desiderata li tigi sodisfacentement rizoluta kontroversja qabel gudizzju promoss ghal konsegwiment tar-rizoluzzjoni u rexxissjoni tal-ftehim. Jikkonsegwi illi l-appellat ma kienx prekluz milli jirrigetta l-offerta li saritlu fil-kors tal-proceduri la din ma gietx proposta lilu tempestivament u antecedentement ghat-tehid minnu ta' l-istess proceduri. Dik l-offerta tardiva ma setghetx, fl-opinjoni tal-Qorti tipparalizza d-domanda tar-rizoluzzjoni, u allura, taht dan il-profil, it-Tribunal kien ghal kollox korrett li jivvaluta s-sitwazzjoni kristillizzata fil-mument u b' effett ta' din id-domanda. Anke jekk allura l-motivazzjoni tas-sentenza setghet, u

messha, kienet ben indirizzata u kjarita b' esposizzjoni dwar il-punti ta' dritt, il-konkluzjoni fattwali taghha ma tistax, ghar-ragunijiet superjorment dedotti, tigi mwarrba.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------